MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 738/2004

**Amazon Limited**

**vs**

**Henry Sultana**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,384.88) rapprezentanti l-bilanc totali ta' hlasijiet lilha dovuti ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fil-15 ta' Frar 2000 u qabel.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Frar 2004 u bl-imghax legali mill-15 ta' Frar 2000, kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fejn hija cediet s-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut giet regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------